KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 20Ad hoc_02/09/10 VI

# MINUTI TAT-TNEJN U GHOXRIN SEDUTA *Ad Hoc*

**L-għoxrin seduta ad hoc** tas-Sitt Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Hamis 2 ta' Settembru, 2010** fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Svetlana R. Curmi** |

Is-seduta kienet ippreseduta mis-Sindku N. Dimech.

Is-seduta bdiet fis-5.48 ta' filgħaxija b'din l-agenda:

1. **Mozzjoni ta' sfiducja fis-Sindku, Nikki Dimech u hatra ta' Sindku gdid**

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.1. Il-Kunsillier S. Camilleri qalet li qabel ma tigi moqrija il-mozzjoni mill-Kunsillier C. Engerer riedet taghmel kjarifikazzjoni u cioe li isimha jitnehha mill-mozzjoni li giet ipprezentata fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2010.

1.2 Il-Kunsillier C. Engerer qara l-mozzjoni ta' sfiducja fis-Sindku:

"Peress illi s-Sindku huwa investigat mill-Pulizija fuq akkuzi gravi li jirriflettu l-hidma tieghu diretta fil-kapacita tieghu bhala sindku tal-Kunsill ta' Tas-Sliema;

Peress illi dawn l-allegazzjonijiet jistghu jkomplu jitfghu dell ikrah fuq il-hidma tal-Kunsill u dan bi pregudizzju serju lejn il-lokalita' u r-residenti ta' Tas-Sliema;

Peress illi dan il-Kunsill ghandu jara li jkompli bil-hidma tieghu fl-interess tal-komunita' shiha ta' Tas-Sliema;

Dan premess, il-Kunsill Lokali qieghed iressaq mozzjoni ta' sfiducja fis-Sindku Nikki Dimech filwaqt li l-istess Kunsill jipproponi lill-Vici Sindku, Joanna Gonzi bhala Sindku ghall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema."

1.3 Il-Kunsillier C. Engerer ta spjega fid-dettall tal-mottiv ta' din il-mozzjoni (anness Doc A p2).

1.4. Is-Sindku N. Dimech irrisponda billi fost kollox qal li l-kuntratt mal-Green MT kien iffirmat minn wara daru mis-Deputat Segretarju Ezekuttiv Althea Borg. Is-Sindku allega li meta nbidel is-Segretarju Ezekuttiv sar taqlib fl-ufficcju. Hu allega l li kien hemm nies li dahlu fl-ufficcju tal-Kunsill bil-lejl f'hinijiet strambi u li s-Segretarju Ezekuttiv ghamlet "agreement ta' one month one month mal-Velljo". Hu allega li sar frame-up fuqu. Qal li mhux qed jipprova jigbed simpatija lejh u rringrazzja lill-votanti tas-sapport.

1.4 Il-Kunsillier M. Aquilina f'isem il-Kunsilliera tal-Partit Laburista resqet dikjarazzjoni fuq il-vot ta' sfiducja li kien se jitressaq (anness Doc B).

1.5 Fi tmiem id-dibattitu ttiehed il-vot dwar il-mozzjoni ta' sfiducja kif gej:

- 1.5.1 Favur: il-Kunsillier P. Pace, C. Engerer, E. Cuschieri, J. Galea, Y. Cali u l-Vici Sindku J. Gonzi.
- 1.5.2 Kontra: Is-Sindku N. Dimech u l-Kunsillier S. Camilleri
- 1.5.3 Astjenew: Il-Kunsillier M. Debono, M. Aquilina u N. Gauci.

1.6 Il-Kunsillieri N. Gauci, M. Aquilina, M. Debono u S Camilleri irringrazzjaw lis-Sindku N. Dimech.

Is-Seduta ntemmet fis-6.07 ta' filghaxija

Is-Seduta giet aggorata ghat-22 ta' Settembru 2010 fil-5.30 ta' filghaxija.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Mozzjoni ta' Sfiduċja fis-Sindku, Nikki Dimech u ħatra ta' Sindku ġdid;**

Peress illi s-Sindku huwa investigat mill-Pulizija fuq akkuzi gravi li jirriflettu fuq il-ħidma tiegħu diretta fil-kapaċita' tiegħu bħala sindku tal-Kunsill ta' Tas-Sliema;

Peress illi dawn l-allegazzjonijiet jistgħu ikomplu jitfgħu dell ikraħ fuq il-ħidma tal-Kunsill u dan bi preġudizzju serju lejn il-lokalita' u r-residenti ta' Tas-Sliema;

Peress illi dan il-Kunsill għandu jara li jkompli bil-ħidma tiegħu fl-interess tal-komunita' sħiħa ta' tas-Sliema;

Dan premess, il-Kunsill Lokali qiegħed iressaq mozzjoni ta' sfiduċja fis-Sindku Nikki Dimech, filwaqt li l-istess Kunsill jipproponi lil Viċi-Sindku, Joanna Gonzi bħala Sindku għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

Ippreżentata llum ~~12~~ ta' Awwissu 2010

Joanna Gonzi ____________

Yves Cali ____________

Sandra Camilleri ____________

Edward Cuschieri ____________

Cyrus Engerer ____________

Julian Galea ____________

"Dr A"

Raġunijiet għaliex qed titressaq il-Mozzjoni ta' Sfiduċja fis-Sindku

1 Is-Sindku kien investigat mill-Pulizija fuq allegazzjoni li talab *commission* f'proċess ta' tender, fejn saru żewġ stqarrijiet mal-Pulizija u ammetta magħha li talab *commission*;

2 l-Sindu għandu kull dritt li jiddifendi l-pożizzjoni personali tiegħu fil-Qorti bil-mezzi kollha li tagtih il-Liġi, issa li tressaq il-qorti b'dawn l-akkużi;

3 L-akkuzi fil-konfront tas-Sindku jpoġġu f'diffikultà serja l-hidma tal-Kunsill fl-interess tar-residenti tagħna;

4 Fil-preżent il-Kunsill ukoll għaddej minn investigazzjoni quddiem l-IAID biex iwieġeb għal allegat prattiċi finanzjarji irregolari;

5 L-allegat prattiċi finanzjari irregolari jinkludu:
- a variation fuq tender ta' iktar minn 100% ifuq il-prezz originali;
- b direct orders kontra ir-regoli

6 Fl-istess żmien tal-mozzjoni ippreżentata, gie żvelat li l-Kunsill tagħna baqa' l-uniku Kunsill li ma daħalx fl-iskema ta' gbir ta' skart li permezz tagħha ir-residenti jkuni iktar moqdija, fl-istess waqt li l-Kunsill jiffranka il-flus.

7 Minħabba n-nuqqas tas-Sindku li jikkonkludi ma wieħed mill-proponenti tal-iskema skond id-deċiżjoni ta' dan il-kunsill, il-kunsill qed iħallas madwar Euro 14,000 fix-xahar f'direct orders għal dawn l-ahhar tmin xhur. Dan ifisser li l-kunsill ħareġ is-somma ta' madwar Euro 100,000 meta dawn setgħu ġew frankati mill-kunsill u investivi f'proġetti oħra b'risq il-komunita'; Dan in-nuqqas ta' ftehim huwa deċiżjoni arbitrarja tas-Sindku, għal raġunijiet li jaf hu, minkejja d-deċiżjonijiet tal-Kunsill biex tinbeda l-iskem fl-interess tar-resident. Il-mistoqsija retorika iżda li jixirqilha tweġiba: Għaliex baqa' dan il-kuntratt ma ġiex iffirmat?

8 Dan il-kunsill ilu wieqaf milli jaħdem b'mod konsistenti fl-interess tar-residenti għal iktar minn tlett xhur. Dan huwa inaċċettabbli għal kull min jieħu bis-serjetà l-kariga tiegħu.

9 Illi dawn ir-raġunijiet, kif ukoll raġunijiet oħra marbuta mal-istess kunisderazzjonijiet, jiġġustifikaw din il-mozzjoni fl-interess tal-Kunsill u tar-Residenti Slimiżi.

10 L-istess mozzjoni ta' sfiduċja qed tipproponi lil Viċi Sindku Joanna Gonzi bħala Sindku.

11 Joanna Gonzi hija dik il-kunsillier li ġabet it-tieni l-aktar numru ta' voti mill-Partit Nazzjonalista li għandu il-maġġoranza fil-Kunsill.

"Doc B"

# Dikjarazzjoni tal-Kunsilliera Laburisti fil-Kunsill Lokali ta' Tas Sliema.

2 ta' Settembru 2010

Ahna kunsilliera Laburisti fil-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema niddikjaraw li fil-kaz tal-vot ta' Sfiducja mressaq fis-Sindku ser inkunu qeghdin nastjenu .

Dan ghaliex:

Qabel xejn dan il-kaz huwa politikament ikkontaminat , peress li dan il-kaz huwa wkoll parti minn glieda ghall-poter bl-gheruq taghha fil-kurriduri tad-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista, bejn rivalitajiet ta' kandidatura u hbieb ta' kandidati.

Ma naqblux mal-mod xejn civili li kienet trattatha mill-Partit Nazzjonalista l-Kunsilliera Sandra Camilleri li minn barra li hija mara anzjana dejjem agixxiet b'mod ezemplari.

Ma naqblux li ghandu jkun hemm Joanna Gonzi bhala Sindku . Din f'okkazjonijiet diversi uriet nuqqas ta' rispett lejn il-grupp minoritarju Laburista .

Ma' nhossux li kien xieraq li propju ftit sieghat qabel ghandu jittiehed dan il-vot , il-Pulizija resqet akkuzat quddiem il-Qorti lis-Sindku attwali, bil-probabbilta' li tista' tkun influwenzata d-decizjoni li ser tittiehed fil-Kunsill.

L-anqas ma jidhrilna li l-affarijiet saru sewwa .

Dan qieghed jinghad minhabba koincidenzi strambi, fost ohrajn izda mhux biss , ta' kif certu nfomazzjoni, kunfidenzjali, delikata u protetta mill-ligi, giet "leaked" minn certu kwartieri.

Martin Debono | Marianne Aquilina | Nicolai Gauci